Permezz tal-ġenerożità tiegħek matul din is-sena l-Uffiċċju Missjunarju seta' jgħin diversi missjunarji jwettqu l-ħolma ta' ħafna nies fil-bżonn. Matul din is-sena l-Uffiċċju Missjunarju bagħat €698,556,70 f'diversi pajjiżi fil-missjoni.

## BENIN

*Djoċesi ta' Catonou* - Xiri ta' ikel, mediċini u affarijiet oħra essenzjali għal tfal orfni li jgħixu fl-istituti.

- **€ 5,384.62 - Sr. Patricia Georgette**
- **€ 6,923.08 - Sr. Maria Regina Tossou**

## BOLIVJA

*Djoċesi ta' Camiri* - Għajnuna fi flus għal tfal biex ikunu jistgħu jkomplu l-iskola kif ukoll bini ta' sala għall-katekiżmu fil-parroċċa.

- **€ 2,478 - Fr. Emilio Lamas**
- **€ 1,416 - Sr. Maria Manuela Liza**

*Djoċesi ta' Nuflo de Chavez* - Għajnuna biex jiġi implementat il-moviment *Children Helping Children*, formazzjoni ta' animaturi għat-tfal u xiri ta' materjal għall-gruppi ta' formazzjoni.

- **€ 1,770 – Fr. Adalberto Mazwr**

## BURKINA FASO

*Djoċesi ta' Diebougou* - Ħlasijiet lil diversi għalliema li jgħallmu fl-iskejjel u ċentri pastorali tad-djoċesi kif ukoll manutenzjoni u tmexxija ta' diversi ċentri pastorali fid-djoċesi, fosthom tqassim ta' ikel lit-tfal kuljum.

- **€23,000 - Mons. Der Raphael Dabirè Kusiele**

Għajnuna fil-pagi ta' madwar 700 katekist kif ukoll spejjeż ta' trasport għal xi katekisti volontarji, kotba tat-tagħlim u ikel ta' kuljum.

- **€25,700 - Katekisti**

Xiri ta' materjal awdjoviżiv biex ikun ta' għajnuna għall-formazzjoni u produzzjoni ta' ħames mitt *casette* u mitt film.

- **€3,846 - Fr. Paul Dah**

Għajnuna biex tiġi organizzata sessjoni ta' formazzjoni għall-aġenti pastorali. Se jieħdu sehem madwar 360 persuna. Jitqassam ukoll materjal għall-katekisti fosthom *stationary* u kotba tat-tagħlim.

- **€4,000 - Fr. Eugene Kpoda**

Għajnuna biex tiġi organizzata sessjoni ta' formazzjoni għar-reliġjużi fid-djoċesi. B'kollox hemm 16-il kongregazzjoni li kull sena jorganizzaw laqgħat spiritwali.

- **€4,000 - Sr. Therese Sourabie**

Bini tal-knisja parrokkjali Santa Tereża ta' Avila u ċentru pastorali f'Pouleba.

- **€25,000 - Fr. Hien W. Moise**

*Djoċesi ta' Fada N' Gourma* - Ħlasijiet lil diversi għalliema li jgħallmu fl-iskejjel u ċentri pastorali tad-djoċesi, kif ukoll manutenzjoni u tmexxija ta' diversi ċentri pastorali fid-djoċesi.

- **€12,656**



Għajnuna fil-pagi ta' madwar 300 katekist fl-iskola tal-katekiżmu ta' Namoungou, kif ukoll xiri ta' kotba tat-tagħlim.

- **€15,000 - Katekisti**

Xiri ta' materjal awdjoviżiv għall-istazzjon tar-radju biex itejbu u jbiddlu l-antik.

- **€6,923 - Fr. Zacharie Legma**

Bini tal-knisja parrokkjali ta' Pieta u ċentru pastorali.

- **€20,000 - Fr. Paulin Mano**

Bini tal-kunvent tas-Sorijiet de Cren f'Kantchari.

- **€18,000 - Fr. Prosper Kiema**

Għajnuna biex titkompla l-kostruzzjoni tad-dar tal-parroċċa Notre Dame des Apotres.

- **€12,000 - Fr. Blaise Kiema**

*Djoċesi ta' Koudougou* - Ħlasijiet lil diversi għalliema li jgħallmu fl-iskejjel u ċentri pastorali tad-djoċesi, kif ukoll manutenzjoni u tmexxija ta' diversi ċentri pastorali fid-djoċesi.

- **€27,000**

Għajnuna fil-pagi ta' madwar 500 katekist kif ukoll għajnuna għall-bini ta' tmint idjar għall-katekisti pensjonanti.

- **€35,000 - Katekisti**

Xiri ta' materjal awdjoviżiv biex titjieb il-produzzjoni ta' programmi tar-radju, kif ukoll formazzjoni ta' nies biex itellgħu programmi fuq edukazzjoni soċjali u reliġjuża.

- **€7,692 - Fr. Didier Kabore**

Titkompla l-kostruzzjoni ta' bini li jservi għal servizzi ġenerali djoċesani.

- **€20,000 - Fr. Edouard Sawadogo**

Xiri ta' pannelli solari biex jipprovdu d-dawl għall-iskola tal-katekisti f'Imaggo.

- **€10,000**

Tkabbir taċ-ċentru ta' formazzjoni spiritwali *Centre Unitas*.

- **€10,000 - Fr. Edouard Sawadogo**

*Djoċesi ta' Koupela* - Ħlasijiet lil diversi għalliema li jgħallmu fl-iskejjel u ċentri pastorali tad-djoċesi, kif ukoll manutenzjoni u tmexxija ta' diversi ċentri pastorali fid-djoċesi. Tqassim ta' ikel kuljum lit-tfal fl-iskejjel tal-Knisja.

- **€26,000 - E.T. Mons. Seraphin Rouamba**

Għajnuna fil-pagi ta' madwar 500 katekist kif ukoll spejjeż mediċi, tiswijiet ta' mezzi ta' trasport u għajnuna għall-katekisti.

- **€16,000 - Katekisti**

Bini ta' ħajt mad-dawra u anke sistema biex jinħażen l-ilma għall-komunità tas-sorijiet u l-iskola tagħhom f'Baagre.

- **€10,000 - Fr. Charles Ouemenga**

Għajnuna biex titkompla l-kostruzzjoni tal-kappella ta' Lergho.

- **€8,000 - Fr. Jean Ernest Dabone**

Ristrutturazzjoni tal-Parroċċa, Ċentru Pastorali u għajnuna fit-tqassim tal-ikel tal-Parroċċa.

- **€20,000 - Fr. Pierre Claver Belemsigri**



Kostruzzjoni tal-kappella tad-dar reġjonali tas-Sorijiet tal-Immakulata Kunċizzjoni.

- **€15,000 - Sr. Therese Compaorè**

## TIMOR TAL-LVANT

Għajnuna lil orfanatrofju, biex nagħtu ħajja ġdida lil madwar 140 tifel u tifla li l-ġenituri tagħhom ġew maqtula jew mietu bil-mard, waqt l-invażjoni mill-armata Indoneżjana.

- **€10,000 - Sr. Malou**

## FILIPPINI

*Djoċesi ta' Cagayon De Oro*

- **€ 2,830 - Sr. Nemesia Paguican**
- **€ 2,830 - Sr. Merna C Vertucio**
- **€ 2,830 - Sr. Flora Mugot**

*Djoċesi ta' Bacolod* - Għajnuna f'kotba, uniformijiet, bżonnijiet mediċi, edukazzjoni u attivitajiet reliġjużi fid-*Day Centre*, kif ukoll programm biex jiġu mwettqa proġetti għat-tfal li jgħixu fit-toroq bħal riabilitazzjoni fil-komunità.

- **€ 2,124 - Fr. Jose Rey Erexima**
- **€ 3,541 - Fr. Cirilo Edgar**

Xiri ta' bżonnijiet bażiċi lill-familji li ma għandhomx dar u li jgħixu barra.

- **€2,000 - Sr. Anne Catania**

## GHANA

Għajnuna biex jiġi stampat ktieb biex jibda jintuża fl-iskejjel sekondarji.

- **€500 - Fr. Eric Oduru Wafe**

## ĦAITI

*Djoċesi ta' Port-au-Prince* - Xiri ta' ikel u mediċini għall-orfanatrofju li jilqa' fih tfal li l-ġenituri tagħom mietu fit-terremot li kien hemm f'Jannar tal-2010.

- **€10,350 - Fr. Clarck de la Cruz**

Xiri ta' ikel biex jiġi mqassam f'disat idjar li għandhom is-sorijiet ġewwa Port-au-Prince li fihom jilqgħu tfal u adulti morda, fosthom nies li qed imutu.

- **€ 1,200 - Sr. M. Genova MC**

Għajnuna biex titlesta l-iskola primarja *Ecole Divine Providence*.

- **€ 700 - Sr. Maria Judith Clerfond**

Għajnuna għall-bżonnijiet bażiċi tal-familji l-aktar fqar.

- **€ 700 - Fr. Isaia**

Għajnuna biex titlesta l-iskola primarja u sekondarja *Mary Immaculate Queen College*.

- **€ 700 - Sr. Cadet Marie Verlaine**

## INDJA

*Djoċesi ta' Bihar* - Bini ta' dar żgħira lis-Sorijiet Franġiskani tal-Klarissi li qed jaħdmu qalb nies foqra ħafna fiċ-Ċentru tas-Saħħa u fl-iskola tal-*Mission Station*.

- **€2,000 - Mons. Angelus Kujur**



Kostruzzjoni tas-saqaf ta' 3 klassijiet għall-Bidhu Kanhu *Middle School*.

- **€500 - Fr. Thomas Kavalahatt**

Bini ta' kappella, xiri ta' mediċini u tqassim ta' ikel fil-villaġġi ta' Jibonpur.

- **€1,000 - Fr. Nirmal Ray**

Għajnuna f'edukazzjoni soċjali u reliġjuża, manteniment u *sponsorship* ta' diversi żgħażagħ li jixtiequ jsiru saċerdoti, żgħażagħ li l-biċċa l-kbira minnhom huma ġejjin minn familji foqra ħafna.

Is-Seminarji huma dawn li ġejjin:

- **€ 28,327 - *St Joseph Seminary*** – Allahabad
- **€ 33,969 - *St Peter Seminary*** – Bangalore
- **€ 35,053 - *Good Shepherd Seminary*** – Coimbatore
- **€ 10,623 - *Sacred Heart Seminary*** – Madras & Mylapore
- **€ 17,705 - *St Joseph Jeppu Seminary*** – Mangalore
- **€ 21,731 - *St Paul Seminary*** – Tiruchirapalli
- **€ 28,328 - *St Joseph Seminary*** – Carmelgiri Alwaye – Verapoly

## INDONEŻJA

*Djoċesi ta' Surabaya* - Għajnuna lill-missjunarji sabiex ikunu jistgħu jedukaw u jitimgħu tfal foqra li ta' kuljum imorru l-iskola.

- **€ 1,558 - Sr. Yuliana** – St Paul's Primary School, Java
- **€ 2,124 - Sr. Aloysia** – St Vincent Primary School, Surabaya
- **€ 1,062 - Sr. Laetitia** – St Mary's Primary School, Jawa Timur
- **€ 2,832 - Sr .Antonia** – St Mary's Kindergarden School, Jawa Timur

## KENJA

*Djoċesi of Embu* - Xiri u installazzjoni ta' tankijiet għall-ħażna tal-ilma tax-xita u xiri ta' kompjuters sabiex it-tfal fl-iskola St. Mary's School ikunu jistgħu jibdew jitħarrġu fit-teknoloġija.

- **€8,000 - Fr. Patrick Njiru**

Għajnuna biex jinbena ċentru żgħir fejn tfal u anzjani jiltaqgħu.

- **€500 - Sr. Justina Meth Ndonga**

*Djoċesi ta' Najrobi* - Xiri ta' ikel, xorb u mediċini biex jitqassmu lil xi familji fil-bżonn.

- **€ 2,000 - Fr. Celestino Bundi**

## KORFÙ

Għajnuna lis-Sorjiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù (Maltin) sabiex ikomplu jassistu anzjani li ġew abbandunati mill-familji tagħhom.

- **€3,000**



## MALAWI

*Djoċesi ta' Lilongwe* - Xiri ta' pjanċi tal-ħadid u siment għall-kostruzzjoni tal-Knisja ta' Santu Wistin.

- **€ 500 - Fr. Innocent Kanyumbu**

Sponsor għal żgħażagħ foqra biex ikunu jistgħu jattendu għall-WYD 2011 f'Madrid fi Spanja.

- **€1,000 - Fr. Michael Useni**

*Djoċesi ta' Nkhotakota* - Bini ta' żewġ klassijiet għal tfal li għadhom ma laħqux l-età li jibdew imorru l-iskola.

- **€1,500 - Sr. Julie Shonga**

## PAKISTAN

Xiri ta' injam biex jinbnew bankijiet għall-iskola li tinsab fi *slum area*.

- **€2,000 - Sr. Frances Farrugia**

Xiri ta' materjal biex tinbena dar lil familja fqira ħafna.

- **€ 2,000 - Sr. Josephine Borg**

## PERÙ

Għajnuna biex titkompla l-ħidma li Fr Raymond beda fl-isptar għal persuni morda bl-AIDS ġewwa Iquitos.

- **€ 10,000 - Fr. Raymond Portelli**

## SRI LANKA

Bini ta' żewġ *mission stations*.

- **€1,000 - Fr. S. Wijesunya**

*Djoċesi ta' Mannar* - Għajnuna biex titlesta l-knisja u Ċentru Pastorali ta' St. Francis Xavier.

- **€1,000 - Mons. Rayappa Joseph**

Għajnuna biex titlesta kappella f'*mission station*.

- **€500 - Fr. Eduardo**

Xiri ta' kompjuter u għajnuna għall-edukazzjoni tat-tfal u t-tfajliet li ġew affetwati fil-gwerra.

- **€1,000 - Fr. S. Emilianus Pillai**

## TANZANJA

Għajnuna biex isir kungress għal 2,300 tfal foqra f'Dar es Salam. Wara t-tfal kollha jiġu offruti ikla tajba b'xejn.

- **€1,000 - Fr. Elias Kingamkunu**

## UGANDA

Irrestawrar ta' *St. Joseph Seminary*.

- **€500 - Fr. Francis Omara**

Kungress għall-animaturi missjunarji tad-djoċesijiet kollha tal-Uganda.

- **€500 - Fr. Philip Balikuddembe**

Għajnuna biex jitlesta laboratorju tax-xjenza fis-Seminarju St John's f'Kasese.

- **€500 - Fr. Thomas Tusinguire**

*Nuwara Eliya Diocese* - Għajnuna biex titlesta kappella / ċentru pastorali.

- **€500 - Fr. K.L. Leslie Dereka**



## VJETNAM

*Djoċesi ta' Ban me Thuot* - Għajnuna għat-tagħlim tal-katekiżmu tat-tfal kif ukoll flus biex ikunu jistgħu jattendu l-iskola. Għajnuna wkoll għal tfal ta' familji li jgħixu fuq il-muntanji biex jinxtara ikel, mediċini u kotba tal-iskola.

- **€ 2,478 - Fr. Hoang Van Lich**
- **€ 2,832 - Fr. Nguyen Van Sao**
- **€ 2,478 - Sr. Marie Tran Thi**
- **€ 1,912 - Sr. Marie Blandine Lam Thi**

## ŻAMBJA

*Djoċesi ta' Mongu* - Għajnuna biex jinxtraw bżonnijiet għall-isptar fis-swali tat-tfal u tal-ommijiet li jkunu se jweldu. Għajnuna biex jinxtara ikel, ħwejjeġ u bżonnijiet tal-iskola lil tfal orfni u biex ir-romol u n-nanniet jipprovdu tagħlim xieraq lit-tfal tagħhom.

- **€ 5,665 – Sr. Anastazia M'Lauzi**
- **€ 4,249 – Sr. Rose Mc Hugh**
- **€ 5,665 - Mons. Evans Chinyama**
- **€ 2,124 – Mrs. Patricia Musiwa**
- **€ 2,832– Sr. Margaret O' Flaherty**
- **€ 1,416 – Sr. Anne Finnerty**

## ŻIMBABWE

Għajnuna biex titlesta s-sala fi skola primarja li hija mmexxija minn soru Maltija.

- **€ 10,000 – Sr. Maria Grazia Farrugia**



# GRAZZI MILL-QALB